# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI

**18 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Muscat

*versus*

Anthony Micallef

## Kambjala – Obbligazzjoni Awtonoma ta' – *Jus Superveniens*

*L-attur fittex għall-ħlas ta' kambjali skaduti. Dawn kienu konnessi ma' kuntratt ta' trasferiment ta' azzjonijiet f'soċjetà liema kuntratt kellu jieħu effett meta jitneħħew garanziji bankarji mogħtija mill-kontendenti.*

*L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat il-konvenut iħallas u l-istess għamlet il-Qorti ta' l-Appell li rriteniet illi l-fatt li l-konvenut iddepożita garanzija bankarja għas-somma dovuta ma jfissirx illi huwa ħallas id-debitu. Huwa l-pagament biss li jista' joqtol l-obbligazzjoni u sakemm ma jħallasx huma passabbli d-danni – jiġifieri l-interessi fuq is-somma dovuta.*

1. L-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex iħallsu s-somma ta' ħmistax-il elf u erba' mitt lira (Lm15,400) importa ta' kambjala mmaturata fis-7 ta' Settembru, 1989. L-attur talab l-applikazzjoni tal-proċedura sommarja speċjali pprovvduta mill-artikolu 167 Kap. 12 però dan it-tip ta' proċediment teknikament irriżulta li mhux attwabbli u l-konvenut għalhekk ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet;

Il-konvenut espona illi l-kambjala kienet parti integrali mill-kuntratt bejn il-partijiet u li l-kondizzjonijiet li għalihom kien soġġett, inkluża l-kondizzjoni sospensiva liema sospensjoni spiċċat fit-28 ta' Diċembru, 1989. Għalhekk iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-20 ta' Ottubru, 1989, kienet intempestiva li teskludih minn kull responsabbilità għall-ispejjeż u għall-interessi;

2. Il-parti tas-sentenza li hija rilevanti għal dan l-appell, hija din:

''Dwar il-kwistjoni ta' l-imgħax u l-ispejjeż: illi l-kambjala li tagħha qed jintalab il-ħlas mill-attur f'din l-istanza nħarġet bħala konsiderazzjoni għal *''transfer of 'shares'* f'diversi kumpaniji, fost kondizzjonijiet oħrajn, bil-prezz ta' Lm15,400; u ġie ddikjarat li l-konvenut kien qiegħed iħallas dan il-prezz permezz tal-kambjala in kwistjoni, li effettivament inħarġet fl-istess ġurnata ta' l-iskrittura u kellha timmatura fis-7 ta' Settembru, 1989, (ara l-kopja tal-kambjala esibita f'paġna 5 tal-proċess u l-klawsola numru (1) ta' l-iskrittura in kwistjoni li kopja tagħha hija esibita f'paġni 17 sa 20);

Illi però skond il-klawsola numru (3) ta' l-istess skrittura ġie stipulat espressament li ''il-ftehim għandu jkollu effett meta l-Banek...ineħħu l-garanziji ta' Carmel Muscat li huma veljanti

favur is-soċjetà *Office Electronics Limited* u l-garanziji ta' Anthony Micallef li huma veljanti favuri is-soċjetà *Office Computers Limited*";

Illi ftit jista' jkun hemm dubju li l-klawsola numru (3), hawn fuq riprodotta, tammonta għal kondizzjoni suspensiva, li hija mfissra mil-liġi stess bħala dik il-kondizzjoni "illi tagħmel l-eżistenza ta' l-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li għad trid tiġri u li mhux żgura" (artikolu 1063(1) tal-Kodiċi Ċivili). Imbagħad, is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi li "l-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja tiġri";

Li ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet li l-garanziji tneħħew mill-Bank rispettivi fil-mori ta' din il-kawża, u ċjoè fit-28 ta' Diċembru, 1989. Kwindi l-kondizzjoni suspensiva in kwistjoni avverat ruħha f'din id-data, meta allura daħal fis-seħħ u in effett il-ftehim bejn il-partijiet inkorporat *fl-iskrittura tal-5* ta' Mejju, 1989. Issa, huwa veru li in prinċipju l-kambjala tassumi karattru u negozju ġuridiku indipendenti mill-obbligazzjoni oriġinali li tkun tat lok għall-ħruġ tagħha. Però f'dan il-każ l-istess kambjala kienet parti integrali mill-ftehim kollu inkorporat fl-iskrittura tal-5 ta' Mejju, 1989, u ma tistax tipprexxindi mill-fatt li ma daħlitx fis-seħħ dwar l-esiġibilità tagħha qabel it-28 ta' Diċembru, 1989, għaliex kienet ukoll soġġetta għall-kondizzjoni suspensiva hawn fuq imsemmija. Fil-fehma tal-Qorti l-importanza tad-data tal-maturità tagħha kienet li anki f'każ li l-garanziji jitneħħew mill-Bank qabel dik id-data, xorta waħda l-import tagħha ma kienx ikun pagabbli qabel is-7 ta' Settembru, 1989;

Illi għalhekk l-import tal-kambjala in kwistjoni ma kienx

esiġibbli qabel it-28 ta' Diċembru, 1989; u f'dan is-sens il-kawża odjerna li ġiet intavolata fl-20 ta' Ottubru, 1989, saret intempestivament. Iżda, l-esiġibilità tagħha avverat ruħha flimkien mal-kondizzjoni suspensiva fit-28 ta' Diċembru, 1989, u ċjoè fil-mori ta' din il-kawża. Għalhekk, kif tajjeb osserva d-difensur ta' l-attur, id-difett inizjali fiċ-ċitazzjoni (jekk kien hemm dan id-difett, skond ma jargumenta l-istess difensur) issana ruħu fil-mori tal-kawża bis-saħħa tal-prinċipju tal-*'jus superveniens'*, billi fi kwalunkwe każ il-kondizzjoni suspensiva, invokata mill-konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, avverat ruħha fil-mori tal-kawża, u l-*"jus superveniens firmat actionem vel exceptionem"* (Vol. XXXVII.I.220 (ara wkoll b'anoloġija perfetta l-kawża "Cini *vs* Galea", (Vol. XLII.I.517) ). Illi għalhekk, apparti l-ammissjoni stess tal-konvenut, it-talba attriċi hija attendibbli, billi l-lum l-import tal-kambjala huwa esiġibbli, u fil-fatt ma jirriżultax li l-konvenut ħallas l-ammont relattiv dovut. Intant, fin-nota tiegħu tat-13 ta' Ġunju, 1990, il-konvenut jammetti d-debitu, imma ma hemm ebda indikazzjoni li huwa ħallas. Kwindi l-konvenut għandu xorta waħda jissopporti l-ispejjeż tal-kawża;

Illi jibqa' l-kwistjoni ta' l-imgħax: l-attur jippretendi li dan għandu jibda jiddekorri mis-7 ta' Settembru, 1989; filwaqt li l-konvenut jippretendi li l-imgħax *se mai* għandu jibda jiddekorri mid-data li avverat ruħha l-kondizzjoni suspensiva. Issa, l-artikolu 1141(1) jipprovdi li "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. F'dan il-każ l-obbligazzjoni, waħda kummerċjali, daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru, 1989, u għalhekk l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dik il-ġurnata;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hawn fuq imsemmija ta' Lm15,400 (ħmistax-il elf u ebra' mitt Lira) bl-imgħax legali mit-28 ta' Diċembru, 1989, u bl-ispejjeż kollha tal-kawża. L-ispejjeż għandhom jiġu taxxati fuq bażi ta' ammissjoni'';

3. L-aggravji li l-konvenut ħass li jiġġustifikaw l-appell tiegħu huma illi:

(a) illi fis-7 ta' Ottubru, 1989, huwa ddepożita b'ċedola, garanzija bankarja għall-ammont tal-kambjala – u dan fir-reġistru tal-Qorti tal-Kummerċ. Id-depożitu sar qabel ma ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni;

(b) l-attur, li għażel il-proċediment speċjali, dam sat-2 ta' Mejju, 1990 biex jinnotifika lill-konvenut;

(ċ) li l-ewwel Qorti naqset li tirrealizza li l-eċċezzjonijiet tiegħu kienu limitati biss għall-kwistjoni ta' imgħax u l-ispejjeż tal-kawża;

4. Mhix iġġustifikata l-kritika tal-konvenut tas-sentenza in appell. L-ewwel Qorti apprezzat kif imiss kull ma ssottometta l-konvenut. Qablet miegħu illi:

(a) il-kambjala kienet marbuta mal-kuntratt tant illi kkunsidrat illi d-data ta' maturazzjoni tagħha kienet dik tat-28 ta' Diċembru, 1989, – id-data tal-kuntratt. B'hekk il-Qorti ma kkunsidratx il-kambjala awtonoma min-negozju ġuridiku

oriġinali jew inizjali – kontra dak li huwa wieħed mill-elementi karatteristiċi tal-kambjala;

(b) is-sentenza, konsegwenzjalment, issanzjonat interessi fuq is-somma dovuta minn din id-data kuntrattwali u mhux kif ippretenda l-attur;

(ċ) dak li pjuttost ma apprezzax il-konvenut huwa illi l-fatt li huwa ddepożita garanzija bankarja għas-somma dovuta ma jfissirx li huwa ħallas id-debitu, u huwa l-pagament biss li seta' joqtol l-obbligazzjoni tal-konvenut. Isegwi illi sakemm ma jħallasx, huwa passabbli għad-danni – jiġifieri l-interessi fuq is-somma dovuta;

(d) finalment l-ispejjeż. Kieku l-konvenut ħallas fit-28 ta' Diċembru, 1989 ma kienx ibati spejjeż, imma kif qalet sewwa s-sentenza appellata, meta għadda ż-żmien u l-konvenut baqa' inadempjenti, l-azzjoni attriċi ġiet sanata;

In-nuqqas ta' pagament da parti tal-konvenut, meta d-debitu mmatura fit-28 ta' Diċembru, 1989 – kien fatali għal kull pretensjoni tal-konvenut, kif esposti fil-petizzjoni;

5. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell ma jistax jiġi milqugħ u s-sentenza appellata hija kkonfermata – bl-ispejjeż kontra l-appellant.